**17 ta' April, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D.,**
**President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Gerald Vassallo

*versus*

Sergeant Wilfred Atkinson, M.P.S.C.

**Kompetenza — Valur — Art. 760 tal-Kap. 15**

*Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi sommom li kull waħda minnhom tkun għal raġuni diversa, u mhux derivanti minn titolu wieħed, il-valur għall-finijiet tal-kompetenza jiġi determinat mill-ogħla somma, bla ma jitqiesu s-sommom iżgħar. Imma jekk il-valur ta' kull waħda m'nn dawk is-sommom ikun ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri, il-kawża tkun ta' kompetenza ta' dik il-Qorti, avvolja t-total tas-sommom kollha flimkien jeċċedi l-kompetenza ta' dik il-Qorti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi huwa kien jikri lill-konvenut il-"furnished flat" nru. 2 Andrea Flats, St. Monica Street, Pawla, bil-kera ta' £9 fix-xahar; u illi waqt il-kirja l-konvenut talbu jixtrilu xi żebgħa biex huwa jkun jista' jerġa' jiżbogħ l-istess flat, għal liema materjal huwa nefaq £4.17.0; u illi l-konvenut ma taħx il-pre-avviż tal-ħruġ tiegħu skond il-liġi qabel ma ħareġ, u ħalla diversi danni fil-post in kwistjoni ammontanti għal ċirka £6.10.0; jitlob illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut, għar-raġunijiet premessi, jiġi kundannat iħallsu s-somma komplessiva ta' £20.7.0, konsistenti kwantu għal £4.17.0 prezz ta' żebgħa kif fuq imsemmi, kwantu għal £9 import ta' xahar kera minħabba n-nuqqas ta' pre-avviż, u kwantu għal £6.10.0 għal danni li huwa ħalla fl-istess post, jew kull ammont ieħor verjuri li jiġi stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta'

periti nominandi; bl-imgħaxijiet. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Frar 1959, li biha ddeċidiet billi laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut biex iħallsu s-somma komplessiva ta' £20.7.0, kwantu għal £4.17.0 prezz ta' żebgħa, kwantu għal £9 import ta' xahar kera, u kwantu għal £6.10.0 għal danni. Għalhekk fil-fatt l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' tliet somom, kull waħda minnhom, kif fuq imsemmi, għal raġuni diversa, u mhux derivanti minn titolu wieħed;

Illi "trattandosi di una domanda per un ammontare eccedente la competenza della Corte Inferiore, ma per partite e cause distinte, di cui nessuna superi la competenza inferiore, la intiera domanda è di competenza delle Corti Inferiori" (Vol. XX-I-169). Hi wkoll liġi espressa li jekk l-attur jitlob il-ħlas ta diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet diversi, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, bla ma jitqiesu s-sommom iżgħar (art. 760 Kap. 15);

Ebda waħda mit-tliet somom ġa msemmija ma teċċedi £10, u din il-Qorti, bħala regola, ma tieħux konjizzjoni ta' kawżi li fihom l-oġġett tal-pretensjoni, bla ma jitqiesu l-ispejjeż, ma jkunx jaqbeż il-valur jew is-somma ta' £10;

Illi għalhekk din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża minħabba l-valur tal-oġġett fl-istess kawża;

Rat in-nota tal-appell u l-petizzjoni tal-attur, li biha talab li tiġi revokata s-sentenza appellata, u li tiġi respinta l-eċċezzjoni preliminari; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Peress li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti in bażi għall-art. 760 Kap. 15;

Għalhekk;

Tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess attur.